# Toroq li nsibu f'Ħal Tarxien

Joseph A. Farrugia

*Triq l-Iskola*




■ Din it-triq issemmiet għall-iskola li hemm ġewwa fiha. L-ewwel fażi ta' din it-triq inbniet bejn l-1889 u l-1920, it-tieni fażi wara t-Tieni Gwerra u l-aħħar fażi wara s-snin tmenin (1980). L-uniċi żewġ triqat f'Ħal Tarxien li kulħadd isemmihom bl-Ingliż huma 'School Street' u 'Simmons Avenue'. Wara l-1859 il-Gvern kolonjali kien fetaħ skola primarja jew elementari f'Ħal Tarxien għax il-popolazzjoni bdiet tikber u beda jikber ukoll l-interess fit-tagħlim. Għall-ewwel kien jidher li l-aktar li hemm bżonn hu li jgħallmu lit-tfal subien. L-ewwel skola b'63 tifel taħt is-Surmast Benedetto Borg ġiet miftuħa fl-10 ta' Marzu 1859. Iżjed tard fil-11 t'April 1859 infetħet skola għall-bniet taħt is-Sinjura Marjetta Cannataci b'83 tifla.

Iktar tard, fir-rapport, ta' P.J. Keenan, insibu li l-iskola ta' Ħal Tarxien kienet tasal sar-raba' klassi fl-1878. Issa wieħed għandu jiftakar li għal żmien twil l-Ingliżi li bdew jaħkmu lil Malta bid-dritt mill-1814 'l quddiem ma kinux jagħmlu li n-nies jitkellmu u jitgħallmu t-Taljan fl-iskejjel. Għalhekk fir-rapport li ħareġ P.J. Keenan għamilha ċara lill-għalliema u l-impjegati tal-Gvern li jekk ma jkunux jafu l-Ingliż kien jew itellaqhom 'l barra mill-impjieg jew ma jeħdux promozzjoni. L-għajta kienet "English and English only". Bil-mod il-mod il-għarfien tal-Lingwa Ingliża kien qiegħed jikber iżda sas-snin tmenin (1880) kien għadu ma għaddiex lill-Ilsien Taljan. Meta laħaq Direttur ta' l-Edukazzjoni Sigismondo Savona, dan beda biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet ta' Keenan dwar it-tagħlim ta' l-ilsna fl-iskejjel. Għalhekk fl-iskejjel primarji tneħħa t-tagħlim tat-Taljan u beda dieħel it-tagħlim tal-Malti.

Inbnew fl-1889 ukoll żewġ skejjel primarji jew elementari ġodda waħda f'Ħal Tarxien u l-oħra fir-Rabat. Savona kien tejjeb ukoll it-tagħlim ta' l-Ingliż fl-iskejjel primarji. Din l-iskola ta' Ħal Tarxien kienet minn ta' l-ewwel li fiha bdew jgħallmu l-lingwa Ingliża. Jekk wieħed iħares sewwa lejn il-faċċata ta' din l-iskola jara l-arma ta' l-Imperu Ingliż (li diżgrazzjatament din l-emblema qeda tittiekel); jara wkoll li t-titlu hu bl-Ingliż "Government Primary School" u għandek sezzjoni "Boys" u oħra "Girls" kollox bl-Ingliż. Din l-iskola għandha wkoll l-istorja tagħha li bdiet fl-1889 u hi ħaġa impossibbli f'dan l-artiklu li

ssemmi minn dak kollu li għaddiet din l-iskola. Kienet użata bħala skola primarja ta' l-Infants, annex ta' l-iskola tal-bniet sekondarji u issa kindergarten. Fi żmien il-gwerra (1940-45) din l-iskola kienet mgħammra biex jilqgħu fiha persuni milquta bil-gass velenuż jew feruti oħra. Kienet tissejjaħ ċentru għad-Dikontamuniazzjoni.

---

*Riferenzi:*
*Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid, E.B. Vella, 1932 - pg. 280, 281*
*"Ħal Tarxien" ta' Vince Battistino, 1993 pg. 164, 179, 180.*
*"In-Nazzjon" ta' 17 ta' Diċembru 1998, pg. 18, Ittra ta' V. Caruana*
*"Leħen il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien" April-Lulju 2002, Vol. III Nru. 8, pg. 14,15 Artiklu ta' Alfred Massa*
*"L-Istorja ta' l-Edukazzjoni f'Malta" ta' Jos. Zammit Mangion, Kullana Kulturali 20, (2002), pg. 56, 57.*
*"Storja ta' Malta" ta' Henry Frendo, Vol. III, 2004, pg. 233, 234, 235.*
*"L-Orizzont", 30 ta' Awissu, 2002, p10, Ittra ta' "Tarxiniż"*
*fuljett "Leħen il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien" Vol 2, Ħarġa Nru. 5, Ottubru/Novembru 1998 stampa fl-ewwel paġna.*

---

***Triq it-Tarzna***




■ Fit-tmien volum tal-"Miklem Malti" pg 359, ta' Erin Serracino Inglott ta' Jos. A. Farrugia (1984) insibu li din l-kelma tinstab fl-Isqalli bħala "tarsena", Taljan qadim bħala "Tarzena" Taljan bħala "Darsena", fl-Għarbi bħala "darassan'a" u Malti "dar is-sengħa", fl-Ingliż insibu l-kelma "arsenal". Tarzna tkun wesgħa ta' art aktarx kbira qrib il-baħar b'bini bi ħwienet tax-xogħol u baċiri fejn jiddaħħlu fix-xatt għat-tiswija jew jinbnew bastimenti, laneċ, eċċ u fejn isir ħafna xogħol ta' bosta snajja' marbutin ma' l-inġenji tal-baħar u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom (ara wkoll "Maltese English Dictionary" ta' Joseph Aquilina, it-tieni volum, 1990 pg. 1408).

Fil-pjanta ta' Raħal Ġdid ta' l-1912 insibu Triq parallela ma' Triq Lampuka u kważi fit-tarf ta' Triq Ħal Tarxien li jisimha Dockyard Street. Innutaw l-isem hu bl-Ingliż, filwaqt li triqat oħra huma bit-Taljan bħal Strada Fosso, Strada Sammat, u oħrajn. Wieħed isaqsi imma din it-triq ma tiħux għat-Tarzna?

Meta din it-triq bdiet tinbena qabel l-1912, lanqas biss kienu ħolmu li kienu se jibnu l-Knisja Parrokkjali ta' Raħal Ġdid fejn hi llum. Ta' min jiftakar li l-ewwel ġebla

tal-Knisja Parrokkjali ta' Raħal Ġdid tqiegħdet fl-24 ta' Frar 1924. Fuq kollox in-nies li ġew joqogħdu f'Raħal Ġdid wara l-1880 kienu jafu l-għixien tagħhom lit-Tarzna, għax dak li ma seħħx fiż-żmien il-Kavallieri (il-popolazzjoni sa l-1861 kienet 485, filwaqt li fl-1891 kienet 1294 u fl-1901 kienet 2812), seħħ wara l-1850 meta t-Tarzna bdiet tikber biex issir waħda mill-azjendi mportanti ta' pajjiżna. L-ewwel baċir li nbena kien fl-1848 u t-tieni baċir infetaħ fl-1862.

Fl-1871 kien lest l-ewwel baċir fil-port ta' wara l-Isla li kien jissejjaħ id-Daħla ta' San Franġisk (Somerset jew No 3 Dock). L-Ammiraljat xtara l-imħażen kollha tal-Maltin u l-kappella ta' San Franġisk ta' Paola li kien hemm fuq Kordin biex seta' jkabbar t-Tarzna. Fl-1892 ġie miftuħ it-tieni baċir ta' wara l-Isla (Hamilton Dock). Fl-1900 sar xogħol ukoll f'Għajn Dwieli.

Fl-1901 inqatgħet mina ġdida fis-Sur ta' Bormla, b'hekk il-ħruġ u d-dħul għat-tlett ibliet ħfief. Iż-żewġ baċiri, nos 4 u 5, li qegħdin ħdejn xulxin f'Għajn Dwieli kienu lesti sa l-1907. Wara April 1903, beda l-bini tal-"breakwater" u għalhekk ġew kwantità ta' ħaddiema Spanjoli u Sqallin. Spanjol minnhom kien Paolo Morales u l-ieħor Sqalli kien Salvatore di Bartolo li t-tnejn iżżewġu u baqgħu joqogħdu f'Ħal Tarxien. Garcia kien Spanjol ieħor li baqa' hawn f'Ħal Tarxien. Bħal dawn kien hemm oħrajn li baqgħu fil-bini li tela' f'Raħal Ġdid.

F'April 1905 beda jaħdem it-tram u l-mixja qasira minn Raħal Ġdid sat-Tarzna naqqasha b'rikba ta' ftit minuti. Kienu snin ta' xogħol kbir u għalhekk insibu Maltin minn Ħal Kirkop u anke mill-Mellieħa li ġew joqogħdu hawn biex ikunu qrib it-Tarzna. Għal ħafna snin kien hemm mas-7000 ħaddiem fit-Tarzna. Fl-1918 l-għadd ta' nies jaħdmu fit-Tarzna kien jaqbeż it-13,000. Mhux ta' b'xejn li hawn min iqis lil Raħal Ġdid (Casal Paola) bħala "Wild it-Tarzna" (E.B. Vella 1932).

*Referenzi:*

*"Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid" ta' E.B. Vella 1932, pg 173, 217, 218, 224 sa 237.*
*"Ħal Tarxien" ta' V. Battistino, 1993, pp 109, 163, 255.*
*"Is-Saltna", Il-Fuljett Parrokkjali tal-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Għadd 139 ta' Nov-Diċ 2001.*
*"L-Istorja tat-Tarzna" ta' Karmenu Ellul Galea.*
*"Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom" ta' M.J. Shiavone kitba ta' Karmenu Ellul Galea pg 285.*
*"It-Trejdunjoniżmu f'Malta" l-ewwel ktieb ta' Karmenu Ellul Galea 1993, pg 4, 5, 6, 19.*
*"Sette Giugno" 1919, "Tqanqil u Tibdil" ta' M. A. Sant - SKS 29 - 1989 - pg 20, 21.*
*"Malta taħt l-Ingliżi" ta' Jesmond Grech - 2001 - pg 57.*
*Id-Daħla fil-ktieb "Sereni u Serenati", ta' Lina Brockdorff miktuba minn Anton Agius Muscat (2004).*
*"A Miscellanea of Historical Records" ta' Capt. J. M. Wismayer, 2003, pp 252, 253.*
*Programm tal-"Festa ta' Marija Immakulata fil-Belt ta' Bormla", 1999, pp 124, 125.*
*"Is-Saltna", fuljett Leħen il-Kunsill Pastorali Parrokkjali ta' Raħal Ġdid, Parroċċa ta' Kristu Re, Għadd Nru 166, Settembru 2005, pg. 2.*